IEQAF U AĦSEB minn Francis Vella

# Dik l-Imbierka ĦARSA TA' SAN PAWL



Kumment komuni fuq fomm dawk li bħali kienu marru jaraw ix-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa u l-pedestall ta' San Pawl, liema xogħol sar mill-*Atelier del Restauro*, huwa dwar il-karnaġġjon ta' San Pawl, b'mod speċjali ta' wiċċu. Wara li tneħħew minn fuqu passati ta' verniċ u sar, ħa nsejħulu hekk, "tindif tekniku", tfaċċa l-kulur oriġinali tal-istatwa. Dawk li ġew fil-laboratorju setgħu jifhmu u jaraw sewwa x'sar.

Biss, ikolli nistqarr li jien personalment,
meta nħares lejn wiċċ San Pawl
qatt ma tajt wisq każ tal-kulur
għax dejjem laqtitni aktar il-ħarsa,
l-espressjoni li għandu.
Meta nħares lejn wiċċ San Pawl niftakar meta kont tfal
u konna nifirħu meta tasal il-ġurnata li toħroġ l-istatwa min-niċċa.

Konna nifirħu għax waslet il-festa, ... għax ħa nżanżnu libsa ġdida, ... għax ġejja l-banda. Imma waqt il-ħruġ tal-istatwa ma kontx biss nara nies ferħanin iżda kont ninnota wkoll anzjani b'xi demgħa, jibku, u jien ma stajtx nifhem għaliex ... Ftit snin wara beda jaqbeż id-dmugħ lili wkoll u bdejt nifhem għaliex dawk in-nies kienu jħarsu fiss lejn San Pawl bid-dmugħ. Naħseb li bħali kienu jitolbuh biex San Pawl jagħtina d-dawl tal-fidi, biex jagħti xi grazzja speċjali, u bħali kienu jiftakru fil-familjari u ħbieb li ħallewna u ma jistgħux jifirħu magħna.

Għalhekk, kull meta nħarsu lejn il-patrun qaddis tagħna,
ta' min ngħidulu din is-silta mill-kurunella:
*O Appostlu maħtur minn Alla / sabiex teqred l-allat ħżiena*
*Isma' t-talb, isma' l-wegħdi / ta' kull min jixtieq il-ħniena.*

U nistħajjel lil San Pawl jgħidilna dak il-kliem sabiħ u ta' kuraġġ
li għandna madwar il-koppla minn ġewwa:
*"Jekk għal ħaddieħor miniex appostlu, għalikom jien żgur"* (1 Kor. 9:2) u
*"Inkun għalikom missier u intom tkunu għalija wlied"* (2 Kor. 6:18).



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## SAN PAWL
## Xbieha ta' 175 sena fostna - Messaġġ ta' Qdusija attwali u dejjiema

Għar-raħal tagħna, ta' Ħal Safi, Jannar ma jfissirx biss bidu ta' sena ġdida bit-tamiet u l-isfidi li din ġġib magħha, imma wkoll tifkira speċjali minħabba li fil-25 ta' dan ix-xahar, flimkien mal-Knisja kollha niċċelebraw il-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl, it-titular tal-parroċċa tagħna. Żgur li fuq San Pawl smajna ħafna għax ma kienx raġel li ma jagħmel xejn u jħalli kollox għaddej, jew inkella li jehda fi kliem u paroli li jtiru mar-riħ; imma hu tassew kien evanġelizzatur kbir, b'ħajja mimlija vjaġġi, esperjenzi, u tagħlim għal għixien awtentiku tal-fidi nisranija. Iżda l-Konverżjoni ta' San Pawl m'għandhiex tkun biss ġrajja li biha ninqdew biex nagħmlu festa imma għandha tkun għalina lkoll mument ta' riflessjoni u tiġdid spiritwali, u x-xbieha tiegħu fostna - li matul din is-sena ser inkunu qed infakkru l-175 sena minn mindu ġiet skolpita mill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia - trid tinkuraġġina u tgħinna f'dan.

### L-Appostlu tal-Ġnus

Lil San Pawlu nistgħu insiru nafuh minn diversi frażijiet li hu stess jagħtina u li juruna li hu stess kien jaf sewwa min kien u ma kienx jiddejjaq juri x'kien u x'kien għamel, iżda b'wiċċu minn quddiem kien jistqarr il-ħwejjeġ kbar li l-Mulej kien għamel miegħu: filwaqt li jtenni li tħabat ħafna iktar mill-appostli l-oħra kollha (1 Kor. 15:10), allura għandu jitqies bi dritt bħala wieħed minnhom, fl-istess waqt jgħid ukoll li hu l-inqas wieħed fost l-appostli u li ma jistħoqqlux jissejjaħ appostlu għax kien jaħqar il-Knisja ta' Alla (1 Kor. 15:9). X'kienu allura t-tliet affarijiet li lil San Pawl kienu jikkwalifikawh bħala appostlu?

Il-fatt li sema' leħen il-Mulej Ġesù; li ra lill-Mulej Ġesù mqajjem mill-mewt; u li ġie mibgħut minn Ġesù stess ħalli jxandar l-Evanġelju lill-ġnus, bħalma bagħat lit-Tnax li kienu għexu miegħu. Mela l-Konverżjoni ta' Pawlu kienet mibnija fuq sejħa jew vokazzjoni, viżjoni u missjoni u li tabilħaqq tagħmlu Appostlu tal-Ġnus. Bħala wlied San Pawl, dawn għandhom ikunu wkoll it-tliet pilastri li fuqhom nibnu ħajjitna bħala nsara.

### Vokazzjoni, Viżjoni u Missjoni

Tajjeb li minn żmien għal żmien naraw daqsxejn kif qed ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala nsara. Din mhix biss il-vokazzjoni partikolari bħas-sejħa għall-ħajja saċerdotali jew reliġjuża jew il-ħajja taż-żwieġ, imma s-sejħa tagħna ta' Nsara li nkunu xhieda tat-twemmin tagħna f'Ġesù fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Biex inġeddu din il-vokazzjoni tagħna, irridu naraw ukoll x'inhi l-viżjoni tagħna u għalhekk tajjeb nistqsu lilna nfusna:

- Aħna fuq liema għarfien ta' Alla qed nibnu l-fidi tagħna?

- Liema Alla qed inxandru:
  lil Alla kif insibuh fl-Iskrittura Mqaddsa
  jew lil Alla mfassal fuq il-gosti tagħna,
  fuq dak li jdoqq biss għal widnejna?
- Jien lil Alla kif infittex li narah:
  Dak li qiegħed jikkontrollali ħajti?
  Dak li jibgħat il-mard u l-inkwiet
  u jħalli lil ħaddieħor għaddej tajjeb?
  Alla li aħjar ma nikkuntrarjahx
  għax jaf ipattihieli?
  Alla li fija jara iben/bint u li għalih,
  jien l-għaxqa tiegħu?
  Alla ħaj, li jridni nkun sinjal ta' tama
  għal dinja li ħafna drabi iktar togħġobha
  l-kultura tad-dlam, tal-qerda, tal-mewt?

Sawlu ltaqa' ma' Ġesù Kristu mqajjem mill-mewt, dak Ġesù li fih għandha tibda u tintemm il-fidi tagħna għax jagħtina ċ-ċertezza li aħna maħluqin għall-eternità.
- X'inhi allura l-missjoni tagħna?
- Li jkollna d-dehriet biex niġbdu
  aktar nies lejn il-Knisja?
- Li mmutu martri biex inkunu
  għamilna xi ħaġa kbira?

Il-missjoni tagħna hi li bil-ħajja tagħna nressqu lill-oħrajn lejn Kristu. San Pawl kien sikwit itenni li hu jrid ixandar lil Kristu, u dan imsallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-pagani.

Il-qaddisin kollha kellhom missjoni marbuta mas-sejħa partikulari tagħhom: San Franġisk għaraf li s-sejħa tiegħu kienet li jibni l-Knisja ta' Kristu li kienet qed tiġġarraf minn tant stili ta' ħajja li jmorru kontra l-Vanġelu; Sant' Injazju ta' Loyola ħass li huwa kellu jagħmel kollox għall-ikbar glorja ta' Alla; Santa Tereża ta' Lisieux intebħet li kellha turi t-triq iċ-ċkejkna lejn Alla: dik li tkun tifla żgħira f'idejh, li tafdah bħalma bint tafda lill-ġenituri tagħna u li tintelaq f'idejh b'imħabba assoluta. Dawn huma biss ftit eżempji ta' missjonijiet partikulari fil-Knisja.

**Xempju ta' Ħeġġa u Perseveranza**

Tkun ħaġa xierqa li aħna, bħala wlied San Pawl, nitolbu lill-Appostlu tal-Ġnus - li bin-nawfraġju tiegħu fuq xtutna rabat ismu mal-istorja tal-gżejjer tagħna - biex bl-interċessjoni tiegħu, nagħrfu dejjem aktar x'inhi s-sejħa tagħna skont il-pjan li għandu għalina Alla l-Missier.

Ejjew nitolbuh ukoll il-grazzja li nkunu kapaċi nwettqu sewwa il-missjoni tagħna fuq din l-art u meta naħslu naqtgħu qalbna jew ngħejjew, ejjew inħallu jidwi fina kliem l-appostlu lill-Korintin:
*"Għalhekk, ħuti għeżież,*
*żommu sħiħ, titħarrkux;*
*ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej.*
*Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej*
*mhijiex għalxejn."* (1 Kor. 15:56).

B'dan il-kliem jidwi f'widnejna,
ejjew nitħeġġu fil-mixja tagħna
u nagħmlu l-qalb biex
anke matul din is-sena b'mod speċjali
inħallu lil Alla li beda
dawn l-opri tajba fina fil-Magħmudija
iwassalhom sat-tmiem.





***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Karl Camilleri
Philip Darmanin
Larson Mallia
Mirea Seychell

***Nitolbu għalihom!***



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Jannar 2019

It-Tlieta 1 ta' Jannar
**Bidu ta' Sena Ġdida - Solennità ta' Marija Omm Alla**
Il-Quddies: AM - Fis-6:45am; fid-9:00am; fl-10:30am;
PM - Fil-5:30pm.

Il-Ħamis 3 ta' Jannar
Fis-7:30pm - Kunċert tal-Milied mill-Kor 'Sine Macula' u s-Safi Drama Group fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Ġimgħa 4 ta' Jannar
**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa u fis-7:00pm - Adorazzjoni
Fit-8:00pm - *Get together* għall-*Helpers* fil-Museum tas-Subien biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.

Il-Ħadd 6 ta' Jannar
**Solennità tal-Epifanija tal-Mulej - Kandidatura**
Fid-9:00am - Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt li fiha s-Seminarista mill-Parroċċa tagħna, Tony Pace, flimkien ma' xi seminaristi oħra, ser jiġi milqugħ b'mod uffiċċjali mill-Arċisqof bħala Kandidat għas-Saċerdozju.

Il-Ħadd 13 ta' Jannar
**Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**

Il-Ġimgħa 18 ta' Jannar
Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.

L-Erbgħa 23 ta' Jannar
**Pellegrinaġġ għall-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta**
Fis-6:00pm - Quddiesa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-175 sena minn mindu saret l-istatwa ta' San Pawl f' Ħal Safi, li fil-kuntratt tagħha hemm miktub li din ix-xbieha kellha tkun simili għal: *'San Paolo Predicante ... uguale ed uniforme a quello eretto nella Chiesa Collegiata di San Paolo Apostolo della Città Valletta.'*



- *Filgħaxija ma jkollniex il-quddiesa fil-knisja parrokkjali.*

Il-Ħamis 24 ta' Jannar
**Film *'Paul - Apostle of Christ'***
Fit-8:00pm - Fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Ġimgħa 25 ta' Jannar
**Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu**
Fil-5:30pm - Rużarju;
Fis-6:00pm - It-Talb ta' Filgħaxija - L-Għasar - li fi tmiemu tingħata l-Barka Sagramentali;
Fis-6:30pm - Quddiesa solenni mmexxija minn Dun Nikol Pace, Arċipriet taż-Żejtun u ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1995-2000), li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona.



- *F'din iċ-ċelebrazzjoni, il-Mużika u l-Kor 'Sine Macula' jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.*

Fit-8:00pm - Il-Banda San Pawl issellem l-istatwa ta' S. Pawl fuq iz-zuntier bl-innijiet prinċipali u xi marċi.
*Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.*